# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**23/18**

**Minuti tat-tlieta u għoxrin (23) Laqgħa tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar t-Tnejn 11 ta' Gunju, 2012 fil-6.00 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku (telaq fis-7.00 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (wasal fis 6.05 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati** | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, li ser jiżżewweġ) |
| **Mistiedna** | Is-Sinj Romina Periċi Ferrante | - | Accountant |

**Aġenda:**

1 Talba
2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti - Il-minuti tal-laqgħat : 20/18 (22/12/2011); 1/18 (6/1/2012); 2/18 u 3/18 b'urġenza (19/1/2012); 4/18 u 5/18 b'urġenza (8/2/2012); 6/18 u 7/18 b'urġenza (16/2/2012); 8/18 u 9/18 b'urġenza (20/2/2012); 10/18 (23/2/2012); 11/18 u 12/18 b'urġenza (8/3/2012); 13/18 u 14/18 b'urġenza (14/3/2012); 15/18 u 16/18 b'urġenza (20/3/2012); 17/18 Laqgha Pubblika (24/3/2012); 18/18 (24/4/2012); 19/18 u 20/18 b'urġenza (27/4/2012) u 21/18 (16/5/2012).
3 Punti li joħorgu mill-minuti.
*4* *Schedule of Payment.*
5 Kommunikazzjoni mis-Sindku.
6 Mozzjoni *Day Centre.*
7 Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet fil-5.38 ta' filgħaxija.

1 ***Laqgħa 20/12 bid-data 22 ta' Diċembru 2011***

1.1 In-numru tal-laqgħa 20/12 għandhu jinbidel għal 18/17. In-numri tal-laqgħat preċedenti tas-sena 2011 kienu saru mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' qabel u għalhekk il-

Kunsillieri talbu biex din il-laqgħa imsemmija titranga bin-numru t-tajjeb. L-ASE Ms Louise Gusman ħadet nota ta' dan.

1.2 Punt 2.45 – Din il-minuta għandha tinqata' kollha u jitnizzel l-ispjegazzjoni tal-accountant is-Sinj Perici Ferrante: ~~l-*Accountant* qalet li jridu joħorgu € 236,000, u li jkollhom €250,000 jekk jirdoppjaw imma, xorta waħda hemm bżonn li joħorgu € 2000,00 oħra. Għal Misraħ Santa Venera imorru għal UIF. Jekk nużaw *embellishment* u nużaw il-madum? Fil *parking bay* jagħmlu madum?~~ L-*Accountant* qalet li jridu joħorgu €236,032, mill-Fondi tal-Kunsill għall-Proġett tal-PPP, meta ġiet ikkalkulata l-istima fuq wiċċ ta' 2". Dan għaliex it-Tender ammonta għal €257,263 + 10% *Provision* għal *Variations* -5% *Management Fee*. Il-Ġvern Ċentrali kien ser jagħti *Grant* ta' €84,896 skont e-mail ta' Joseph Tabone datata 26/01/2011. Għalhekk wara li tgħodd il-*Water Servicing* ta' 4 toroq, bil-*Water Servicing* ta' Misraħ il-Barrieri mhux inkluża, li jammontaw għal €52,088.97, toħrog il-figura ta' €236,032. Issa jekk it-toroq ser jingħataw wiċċ ta' 3", u l-istima irduppjat, ser ikun hemm bżonn li joħorgu xi € 200,000 oħra.

2 ***Laqgħa numru 6/18 bid-data 16 ta' Frar 2012***

2.1 Punt 1

2.1.1 Saret diskussjoni fuq l-attendenza ta' din il-laqgha. Il-Kunsillier Stephen Sultana informa lil-Kunsill li huwa kien kiteb lill-Bord tal-Governanza fuq din il-kwistjoni imma s'issa għad ma għandhux risposta. L-ASE għandha tikteb b'urġenza lid-Dipartiment biex tieħu parir. Il-Kunsillier is-Sur Sultana ma jaqbilx li kemm huwa kif ukoll is-Sur Edwin Formosa u s-Sur Cleaven Bugeja gew imniżżla bħalha assenti meta huma kienu attendew għal din il-laqgħa imma telqu b'protesta u b'solidarjeta' mas-Sur Formosa. Is-Sur Sultana xtaq li ssir korrezzjoni tal-attendenza u li jittieħed vot.

2.1.2 Is-Sindku wiegeb li għall-laqgħa b'urgenza numru 6/18 huma kienu telqu u kienu diga' kitbu lid-Dipartiment. Għall-laqgħa li saret b'urġenza, huma ma kienux preżenti u li din il-laqgħa kellha tkun b'urġenza u li jiġi diskuss materja waħda u dan kollu kien qiegħed bil-miktub. Dak in-nhar it-tliet Kunsillieri kienu qabdu u telqu l-barra.

2.1.3 Is-Sur Sultana qal li huma kienu talbu għall-suspenzjoni tal-laqgħa.

2.1.4 Is-Sindku sostna li l-Kunsillier Formosa qabad u telaq il-barra.

2.1.5 Is-Sur Charles Camilleri qal li jistgħu jerggħu jitolbu lid-Dipartiment għal parir. Jekk jivvotaw, huwa kien ser jastjeni.

2.1.6 Is-Sindku qal li l-laqgħa suppost kienet għall-materja waħda u li l-Aġenda kienet ta' materja waħda il-'*Financial Statement*'. Il-Kunsillier is-Sur Formosa ma kellux dritt jiddiskuti materja oħra. Waqt il-laqgħa tal-*Financial Statement,* it-tliet Kunsillieri ma kienux preżenti u għalhekk il-laqgħa ma setgħetx titkompla peress li telqu qabel ma bdiet il-laqgħa. Il-laqgħa ma tibdiex meta trodd is-salib għax fil-fatt dak in-nhar, kif is-Sindku radd is-salib, qabeż il-Kunsillier is-Sur Formosa u talab sospenzjoni.

2.1.7 Is-Sindku qal li l-ASE ser tikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali imma mhux ser jistennew izjed minn 15-il ġurnata biex jieħdu risposta. Id-Diskussjoni tkompliet u s-Sindku fakkarhom li l-Kunsill diġa' kellu tweġiba mil-avukat tad-dipartiment fuq kwistjoni ta'

laqgħa b'urġenza li tiddiskuti biss materja waħda u li meta tingħad it-talba il-laqgħa tkun għada ma bdietx. Is-Sindku sostna li ser jiktbu lid-Dipartiment u jekk il-Kunsill jibqa' mingħajr risposta, il-Kunsill jiddeċiedi u jibqa' għaddej bil-minuti tal-laqgħat l-oħra.

2.1.8 Is-Sur Sultana qal li huwa ma jemminx li se jorbtu id-Dipartiment b'giljottina peress li l-minuti tal-laqgħat segwenti ma jistgħux jiġu diskussi minħabba f'hekk.

2.1.9 Is-Sindku stqar li l-awditur kien ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar is-serjeta' tat-teħid tal-attendenza. Is-Sur Anastasi qal li għalih il-minuti huma tajbin u ppropona li l-Kunsill jikteb lid-Dipartment tal-Gvern Lokali u lid-Dipartiment bl-ikbar urġenza, jibgħat risposta. Il-proposta giet issekondata mil-Kunsillier is-Sur Charles Camilleri.

2.1.10 Is-Sur Sultana talab li jekk wara ċertu żmien ma jkollhomx risposta mid-Dipartiment, il-Kunsillieri jieħdu vot.

2.1.11 Is-Sindku qal li l-ewwel id-Dipartiment irid jagħti direttiva u jekk id-Dipartiment ma jagħtix direttiva, il-kaz jerġa jitressaq waqt laqgħa oħra.

3 ***Laqgħa numru 7/18 bid-data 16 ta' Frar 2012***

3.1 L-ASE għandha tipprezenta l-ittre tal-Kunsillier is-Sinj Mariella Micallef peress li kienet imnizzla bħalha assenti u skużata u ma kienx hemm raġuni mnizzla. Il-Kunsillier is-Sur Sultana talab li l-ittre għandha tigi ppreżentata waqt il-laqgħa li jmiss.

***4 Laqgħa numru 8/18 bid-data 20 ta' Frar 2012***

4.1 Ma kienx hemm korrezzjoni u lanqas punti mressqa mill-minuti.

***5 Laqgħa numru 9/18 bid-data 20 ta' Frar 2012***

*5.1 Punti mressqa mill-minuti*

5.1.1 Punt 1.1.8 – 2 – Is-Sur Sultana qal li fuq din il-minuta 'li l-Kunsill tagħna qed jieħu ħsieb l-imsemmija rawndebawt;' l-ELC qiegħed jieħu ħsieb ir-rawndebawt u l-Kunsill qiegħed iħallas id-dawl. Zied jgħid li l-Kunsill tilef ir-rawndebawt minn meta gie l-Papa hawn Malta.

5.1.2 Is-Sindku wieġeb li r-rawndebawt qiegħed jieħu ħsiebha l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, tant hu hekk illi s-Sindku ġab in-bies biex inaddfu kemm ir-rawndebawt kif ukoll il-pompa. Huwa qal li f'dawn il-minuti qed jingħadu affarijiet li dak inhar ma kienux jafhuhom. Sostna li l-Kunsill qiegħed jivverifika lir-rawndebawt jieħu ħsiebha l-Kunsill u li tibqa' fil-Konfini ta' Santa Venera.

5.1.3 Is-Sur Sultana staqsa fuq l-*embelishment* tal-*open spaces* u s-Sindku wiġġeb li dak qiegħed f'idejn il-Gvern Ċentrali.

***6 Laqgħa numru 10 (23 ta' Frar 2012); Laqgħa numru 11 (8 ta' Marzu 2012) u Laqgħa numru 12 (8 ta' Marzu 2012).***

6.1 Dawn it-tlett laqgħat kienu bla kworum.

*7 Laqgħa numru 13 (14 ta' Marzu 2012) u Laqgħa numru 14 (14 ta' Marzu 2012)*

7.1 Is-Sindku rrimarka li l-attendenza tas-Sur Edwin Formosa għandha tinbidel peress li huwa kien ma jiflaħx u allura jrid jitnizzel bħala assenti u skuzat.

***8 Laqgħa numru 15 bid-data 20 ta' Marzu 2012***

*8.1 Korrezzjoni tal-minuti*

8.1.2 Punt 1.35 – numru 3 biex tiżdied 'għax mhux aċċessibbli'.

*8.2 Punti mressqa mill-minuti*

8.2.1 Punt 1.27 - Is-Sur Sultana staqsa kemm hu attrezzat il-Kunsill biex nilħqu l-iskop kollu. Rigward l-għamara tal-uffiċċju s-Sindku qal li l-Kunsill għandhu jipprovdi parti mill-għamara u lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għandhom jieħdu ħsieb li jġibu s-sistema għall-Kompjuter. Fuq il-preżenza tal-Pulizija dan għandu jiġi offrut. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali offra l-bini amministrattiv, imbagħad id-dipartiment tas-Servizzi Soċjali kellu jagħtihom risposta.

8.2.2 Is-Sindku sostna li l-Kunsillieri kienu kollha qablu li l-Kunsill Lokali mhuwiex aċċessibbli imma jekk wieħed jipparagunaħ ma' tal-Ħamrun, ta' Santa Venera huwa ferm aħjar.

8.2.3 Is-Sur Sultana issuggerixxa li l-Kunsill jipprova japplika għal stairlift u forsi jitolbu għall-għajnuna tal-*Community Chest Fund (CCF).* Huwa qal li jekk il-Kunsill jintagħzel mill- CCF jistgħu japplikaw għall *stair lift*.

8.2.4 Is-Sindku ippropona li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera jitlob għall-'*stairlift'* għall-iskop li jkunu jistgħu jaqdu in-nies li jiġu biex jużaw is-servizz tas-sigurta' soċjali. L-ASE għandha tieħu ħsieb li titlob għall-kwotazzjonijiet għall-stairlift.

9 ***Laqgħa 16/18 bid-data 20 ta' Marzu 2012***

9.1 Punt 1.9 – Is-Sur Sultana semma lis-Sur Busuttil (Ta' Bandallu). Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li huwa kien mar personalment bl-invit tas-Sur Busuttil sabiex jattendi għal-laqgħa pubblika dwar Misraħ Santa Venera, imma la hu u l-ebda rappreżentat tal-Kumpanija m'attenda.

10 ***Laqgħa 17/18 bid-data 24 ta' Marzu 2012***

10.1 Is-Sur Sultana kien ippropona li għal-laqgħa pubblika jiltaqgħu mal-*iStake Holders*---dawk li joqgħodu fl-Appartamenti fit-Toroq tal-madwar u s-Sindku oġġezzjona.

10.2 Saret diskussjoni fuq il-laqgħa tal-lokalita' jekk tkunx magħdudha mal-laqgħat normali tal-Kunsill. Is-Sur Sultana qal li din il-laqgħa mhux suppost tkun uffiċjali għax minuti u aġenda ma jkunx hemm. L-ASE għandha tara mad-Dipartiment fuq il-proċedura tal-laqgħa tal-Lokalita'.

10.3 Is-Sur Ronald Briffa telaq fis-7.00 ta' filgħaxija.

11 *Laqgħa 18/18 bid-data 24 ta' April 2012*

*11.1 Korrezzjoni tal-minuti*

11.1.1 Punt 3.3.1 pagna 3, it-tieni linja – S-Sur Sultana qal li l-Kunsill kellu librerija ~~imma kienu ċedew b'elf lira Maltija għamara fi żmien is-Sindku s-Sinj Elizabeth Vella.~~

11.1.2 Punt 3.3.4 biex titneħħa s-sentenza mill-ħames linja - ~~Is-Sur Sultana wieġeb li kienet saret mozzjoni waqt laqgħa oħra imma qal li ma jimpurtax u li lilu ma affettwatux.~~

11.1.3 Punt 3.3.6 Misraħ il-Barrieri ser issir fis-sena 2013 u mhux fis-sena 2012.

11.1.4 Punt 4.2.1 paġna 2 – saret korrezzjoni u tneħħew il-kliem maqtugħa – 'kif dejjem ġejna għal laqgħat b'urġenza ~~ma naqbilx~~. Setgħet ~~tgħajjat~~ tingħajjat laqgħa b'urġenza (Għoti ta' Ġieħ Santa Venera).'

11.1.5 Punt 4.2.11 Biex tinbidel il-kelma MITA u ssir 7-up.

11.1.6 Punt 4.2.13 Biex jinbidlu l-kliem Fra Guze u ssir Triq Patri Franġisk Grech.

11.1.7 Punt 5.1.3 Il-ħin kien 8.20 ta' filgħaxija.

11.1.8 Punt 9.2.2 Is-Sur Sultana talab kopja tal-korrispondenza.

11.1.9 Punt 10 Biex iżżid 'jerġa' qabel 'jikteb' : Il-Kunsill jerġa jikteb lit-TM.

11.1.10 Punt 11.1 L-ASE tat spjegazzjoni għalfejn twaqqfet waħda mil-*Websites* li kellu l-Kunsill.

11.2 *Punti imressqa mill-minuti*:

11.2.1 Punt 3.2.3 Is-Sindku spjega li fuq l-*inspection box* il-Kunsill kien kiteb lill-pulizija peress li din kienet *inspection box* privata u ntbagħtu darbtejn il-ħaddiema fuq il-post biex jaraw x'jistgħu jagħmlu. Fil-fatt meta marru l-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmluha sabu li xi ħadd kien lestiha.

11.2.2 Punt 3.3.1 Il-Kunsillieri komplew jiddiskutu l-librerija u fejn qegħdha l-għamara. Is-Sur Camilleri qal li l-għamara kienet ingħatat lil-Prinċipal tal-Iskola Vinċenzo Bugeja Fleur de Lys Junction fejn l-iskola primarja t'isfel. Huwa żied jgħid li l-Prinċipal kienet offriet post bħalha *store*.

11.2.3 Punt 4.2.5 Is-Sur Sultana qiegħed jistenna l-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

11.2.4 Punt 4.2.10 L-ASE għandha tikteb lit-TM rigward il-*Bus Stop* ta' Triq il-Kanun.

11.2.5 Punt 4.2.11 Il-Kunsill iddeċieda li l-ASE tikteb lil tas-7UP biex tinforma lil-Kumpanija fuq il-*Corporate Social Fund*.

11.2.6 Punt 4.2.12 Il-Kunsill iddeċieda li l-ASE tikkonferma jekk il-Kunsill irċeviex risposta mit-TM dwar Triq San Pawl.

11.2.7 Punt 4.2.13 Biex titranġa l-isem tat-Triq minn 'Patri Fra Guze' għall-'Triq Franġisk Grech'. Il-Kunsill saħaq fuq l-importanza li jsir xogħol fuq it-toroq skont il-prioritajiet li jagħti l-Kunsill stess.

11.2.8 Punt 5.1.2 Il-Kunsillier Stephen Sultana kien bagħat ittra lil-ASE bid-data 21 ta' Mejju 2012 u jixtieq li s-Sindku jagħtih risposta fuqha. Is-Sindku saħaq li l-ittra ġiet interpretata ħażina mill-Kunsillier Sultana u li huwa kien kiteb u ta' spjegazzjoni dwar il-kaz. Is-Sur Sultana kien kiteb lill-Bord tal- Governanza u s-Sindku kien bagħat l-ispjegazzjoni lill-Bord tal-Gvernanza kif ukoll, lid-Dipartment tal-Gvern Lokali.

11.2.9 Punt 5.1.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li l-aħħar pjanta ta' Misraħ Santa Venera għadha mhux lesta peress li s-Sur Charles Scerri kellu jagħtih il-qisien tal-pedestal tal-istatwa u minħabba xi alterazzjoni oħra. Is-Sur Sultana talab li jkollu l-istima finanzjara u l-pjanta.

11.2.10 Punt 7.1.1 Is-Sur Sultana staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq il-latrina. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien lest li jimxi pass il-quddiem u li jħallas il-kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma li kien hemm. Huwa baqa' mas-Segretarju tal-Klabb tal-Boċċi li kellu jkellem lill-Kumitat biex jirrimedjaw. Is-Sur Charles Camilleri qal lill-Kunsill kien ħallas taħt protesta. Is-Sindku fil-fatt informa lis-Segretarju l-ġdid tal-Klabb tal-Boċċi li fir-riċeviment tal-Festa tal-2012 kienu stiednu lill-Kunsillieri kollha minbarra lis-Sindku. Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li s-Segretarju kellu jerġa jiltaqa' miegħu ħalli jinfurmah x'iddeċieda l-Klabb.

11.2.11 Punt 7.1.2 Is-Sindku fakkar lill-ASE sabiex tikteb lill-Perit Bezzina fuq ix-xogħol fuq bankini taż-żewġ naħat ta' Triq San Gużepp waħda sa qabel ir-residenza tas-Sur Michael Caruana u l-oħra sal-ħanut tal-Pizza.

11.2.12 Punt 7.1.3 L-ASE infurmat lill-Kunsillieri li kienet kitbet lil waħda mill-applikanti u din ma kienetx kitbitilha lura. Infurmathom ukoll li l-Kunsill Lokali dalwaqt ikollu żewġt studenti mill-*Business and Commerce Institute* tal-MCAST u dawn ser jaħdmu 125-il siegħa bla ħlas.

11.2.13 Punt 7.2.4 Il-Kunsillieri ġew infurmati li d-deċizzjonijiet fuq l-iskrivani jiddeċiedi l-Kunsill fuqhom u deċizzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv jiddeċiedi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

11.2.14 Punt 9.2.2 Il-Kunsillier Stephen Sultana reġa' talab għall-korrispondenza li kiteb is-Sindku dwar l-eks ASE is-Sur JM Formosa.

11.2.15 L-ASE gibdet l-attenzjoni li n-numri tal-minuti li kien ipprepara l-eks ASE is-Sur Formosa kellhom is-sena mnizzla bin-numru 18 meta suppost in-numru tagħhom kellu ikun 17.

### *11.3 Schedule of Payment*

11.3.1 Il-Kunsillier Stephen Sultana ġibed l-attenzjoni għan-numru 23 li huwa l-ħlas dovut għall-Avukat Sladden. Is-Sindku spjega fuq il-każ li l-Kunsill kellu fuq mandat ta' inibizzjoni mis-Sinj Pauline Abela minħabba l-istores/graxxijiet li għandha fi Triq Salvinu Spiteri. Is-Sindku zied jgħid li kemm hu kif ukoll l-ASE kellhom jitilgħu l-Qorti minħabba l-każ. Is-Sindku informa lill-Kunsillieri li kellhom jitilgħu l-Qorti minħabba l-każ tan-Nutar Critien li allega li laqgħat is-sump tal-karozza mal-*hump* ta' Triq Braille. Is-Sindku żied jgħid li huwa xtaq jappella għas-sentenza peress li fl-imsemmija Triq kien hemm kemm tabella li tindika l-*hump,* zebgħa mal-*hump* u anka dawl bizzejjed. Imma l-ritratti li ġew murija l-Qorti kienu mehudin ħażin, għax ittieħdu filgħodu u, mhux billejl u, li ttieħdu min-naħa li ma wrietx kif kienu jidhru s-sinjali. Is-Sindku ma jafx kif il-kaz intrebaħ peress li l-imputatt ma kienx induna mill-ewwel li kellu l-ħsara imma u, meta wasal il-Gżira, mill-mera seta' jara xi qtar taż-żejt tal-magna tal-karozza.

11.3.2 Issemma ukoll żewġ kontijiet tal-RJC fejn l-eks ASE is-Sur Formosa ma ridx li jħallas. Fil-fatt is-Sindku spjega li wieħed mill-kontijiet tħallas u wieħed li jammonta għal xi €600 ma tħallasx.

11.3.3 Il-Kunsillier Stephen Sultana ġibed l-attenzjoni li Triq il-Kanun ħdejn il-*culvert* u l-Palazz l-Aħmar għandhom bżonn jitnaddfu sew mill-kuntrattur tal-knis. L-ASE għandha tinforma lill-kuntrattur dwar dan.

11.4 Il-laqgħa spiċċat fit-8.35 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 10 ta' Settembru 2012